**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 37/2015 AGV**

**AB**

**Vs**

**CB**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-17 ta' Gunju, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti pprosegwiet bir-rikors guramentat fil-konfront ta' zewgha CB ghas-separazzjoni personali.

2. Illi kif juri l-inkartament li jinsab prezenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti, il-partijiet ilhom ighixu hajja separata *de facto* ghal iktar minn erba' snin u llum m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-

ghaliex, illum il-gurnata entrambi l-partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

3. Illi sal-lum m'hemm ebda ordni ta' manteniment u ghalhekk m'hemm ebda pendenzi ta' arretrati ta' manteniment bejn il-kontendenti.

4. Illi ghaldaqstant, ic-cirkostanzi tal-partijiet illum jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha rikjesti mil-ligi ghall-ottjeniment tad-divorzju.

5. Illi dan ir-rikors qed isir ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-esponenti tixtieq illi l-ewwel talba taghha tar-rikors guramentat odjern tigi konvertita ghal talba ta' divorzju.

6. Illi l-intimat m'huwa ser isofri l-ebda pregudizzju jekk it-talba odjerna tintlaqa'.

Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' t-talba taghha u tordna illi t-talba ta' separazzjoni odjerna tigi konvertita f'talba ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66 F tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimat m'opponix ghal din it-talba.

Rat l-ewwel talba tar-rikors ta' separazzjoni.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom isseparati *de facto* ghal aktar minn erba' snin.

Peress illi m'hemm l-ebda ordni ghall-manteniment m'hemm l-ebda arretrati.

Ir-rikorrent ukoll ippruvat li ma hemmx cans ta' rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna illi t-talba ta' separazzjoni odjerna tigi konvertita f'talba ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**